MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Numru 286/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. Jesmond J. Borg)**
**vs**
**Anthony Agius**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Anthony Agius** ta' 44 sena, bin Vincent u Katarina *nee'* Gauci, imwieled Zebbug, fis-6 t'Ottubru, 1989, residenti 2, 'Shalom', Triq in-Nirien, Siggiewi, detentur tal-karta tal-identita numru 790959M;

1. Talli nhar l-10 t'Ottubru, 2004, ghall-habta tas-1.30am , fi Triq l-Innu Malti, Zebbug, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, u cioe' fuq vettura nru GVP 394, licenzjata f'isem il-

Kummissarju tal-Pulizija, liema ammont huwa ta’ aktar minn Lm50 u anqas minn Lm500 skond l-art. 325 Sub 1b tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurjajt, heddidt jew ghamilt offiza fuq il-persuna ta’ PS 1576, PC 744, PS 238, PC 996, u PC 1316, persuni nkarigati sknd il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew mnhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezza’ jew tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi l-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz skond l-art 95 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali;

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghidt fil-pubbliku xi kliem oxxen li jikkonsisti f’dagha;

4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi heddidt lil persuni fuq imsemmija bi kliem;

5. Talli hebbejt kontra persuni sabiex tingurjahom jew idejjaq jew taghmel hsara lil dawn il-persuni jew lil haddiehor;

6. Talli volotarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta u cioe fuq bank pubbliku, liema ammont huwa ta’ anqas minn Lm10;

7. Talli f’lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku kont tinsab fis-sakra b’mod li ma kontx tista tiehu hsieb tieghek innifsek, inkella waqt li jkun f’dak l-istat, dejjaqt in-nies jew ghamilt storbju;

8. Talli ghad illi kont xurban, ghidt fil-pubbliku kliem oxxen jew indecenti, jew ghamilt gesti jew atti oxxeni;

9. Talli ksirt il-bon ordni u l-paci pubbliku b’ghajjat u glied;

10. Talli bil-lejl ksirt il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b’xi mod iehor;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza kontra l-imputat tkun trattata u deciza bil-procedura sommarja u n-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura.

Semghet l-ammissjni tal-imputat.

Rat l-atti tal-kawza fejn l-akkuza tirrizulta pruvata bl-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-artikoli

Rat il-fedina penali nadifa tal-imputat;

Tilliberah bil-kundiazzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sena mil-lum skond l-Art. 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------